MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 128/2010

**Claire Magri (465080M)**
**vs**
**Jimmy Gafa'**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur;

1. Illi hija l-propjetarja tal-fond garage numru 17, Triq Andrew Vassallo, Luqa;

2. Illi l-imsemmi fond gie mikri lill-intimat mid-defunt Anthony Borg, li gharus tar-rikorrenti;

3. Illi ir-rikorrenti hi l-uniku eredi tad-defunt Borg kif jirrizulta ampjament mill-annessi ricerki testamentarji u testment;

4. Illi l-perjodu lokatizzju patwit kien ta' sitt xhur;

5. Illi r-rikorrenti infurmat lill-intimat illi l-lokazzjoni giet terminata permezz ta' ittra datata 6 ta' Ottubru, 2010 stante illi l-intimat kien moruz fil-hlas tal-kera, u in oltre interpellat sabiex jirritorna ic-cwievet tal-fond flimkien mal-pussess battal liema ittra qatt ma giet imwiegba;

6. Illi l-lokazzjoni tinkwadra ruhha fit-termini ta' l-artikolu 1531 [L] tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi bdiet wara l-1 ta' Gunju 1995 u saret ghal zmien determinat;

7. Illi la darba il-perjodu pattwit ghalaq il-lokazzjoni giet itterminata u quindi il-propjeta' ghandha tigi ritornata lir-rikorrenti;

8. Ill ghalhekk debitament interpellat b'dan, u miktub biex irodd lura il-propjeta de quo, l-intimat baqa' inadempjenti u ghadha sa llum fil-pussess tieghu abbuzivament;

9. Illi fl-umli fehma ta' l-esponenti l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'taghti;

10. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijie ta' l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex it-talbiet ta' l-esponenti jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti u prevja kull dikjarazzjoni illi dan il-Bord jidhirlu xieraq, l-esponent titlob umilment lil dan il-Bord sabiex;

1. Jiddikjara illi l-lokazzjoni tal-fond 17, Triq Andrew Vassallo, Luqa, favur l-intimat bhala terminata;

2. Jordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju prefiss minn dan il-Bord, jizgombra mill-imsemmi fond u jirritorna il-pussess battal tieghu lill-esponent;

3. Jiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Semgha l-ammissjoni tal-intimat kif registrata fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2010.

Peress illi fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fir-rikors jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat u jordna lill-intimat jizgombra mill-fond fi zmien hmistax (15)-il jum mil-lum;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------